MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 333/2009

**Michael Bianco, Rodner Bianco u Sylvana Tanti ID 465765M**

**vs**

**Julian Baldacchino u Marthese Baldacchino**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ l-Atturi qed jitolbu li *quantum* ta' elfejn, tlett mija u hames Ewro (€2,305.00c) bhala bilanc minn ammont ikbar ghal xoghol li sar fil-fond tal-Konvenuti. Mal-AVVIZ hemm esebit Dok MB1 (*fol* 3) li jelenka l-ispejjes fl-ammont intier ta' sitt elef, mitejn, dsatax-il Ewro tnejn u erbghin centezmi (6,219.42c).

Bhala RISPOSTA nghad li ebda somma mhi dovuta billi:-

(1) Ix-xoghlijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u skond l-istruzzjonijiet tal-periti.
(2) L-ammonti mitluba mhux gustifikati.
(3) Il-valur tal-vettura Suzuki Baleno akkreditat mill-Atturi fl-Avviz (€1,514) hu fil-fatt wiehed superjuri.

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss xi siltiet mill-provi f'kawza li bdiet f'April 2009. Fiha ghadd ta' xhieda li xehdu aktar minn darba biex jiccaraw, jipprecizaw, jispjegaw u jenfasizzaw! Ma dawn is-siltiet wiehed iqis dak kollu li hemm fil-process quddiem dan it-TRIBUNAL "ghal talbiet zghar". L-Attur u l-Konvenuta huma ahwa. Rodner hu iben Michael u l-Konvenut hu r-ragel tal-Konvenuta.

2. L-**Attur Michael Bianco**, b'esperjenza ta' 30 sena fil-kostruzzjoni, qal li hatnu, l-konvenut Julian Baldacchino kien qabbdu biex flimkien ma ibnu Rodner jibnulu sular fuq is-sit li kellu u xi xoghol iehor. Il-kont kien €6,219.42 li minnhom thallsu €2,400 u Suzuki FAB 934 tiswa €1,500. Meta xehed fl-udjenza tal-01/02/2011 ta dettalji (ara *fol* 54 *et seq*). Qabel beda x-xoghol mar perit u tah pjanti. Meta kien lesta x-xoghol ta' fuq cempillu hatnu u qallu jieqfu ha jiehdu "break". Waqt ix-xoghol kienet tkun prezenti ohtu l-Konvenuta u inqas spiss hatnu. Meta talab il-bqija tal-hlas il-Konvenuti rrifjutaw. Hu kkonferma d-Dok SB1 *a fol* 25.

3. Qal (ara *fol* 92) li dwar is-Suzuki (tal-1996) l-Elmo Insurance tatu stima ta' €1,000 skond il-ktieb li fuqu jimxu l-kumpaniji tal-assikurazzjoni (Dok VE *a fol* 94). Meta xehed (26.10.2011) qal li hatnu ma jridx idawwarlu l-licenzja. Meta mar ghand l-Atlas Insurance lill-vettura tawha valur ta' €1,600.

4. **L-Attur Rodner Bianco** b'affidavit ikkonferma dak li hemm fl-affidavit ta' missieru u dwar dan issir riferenza ghall-*para* 2 *supra*. Meta xehed fl-udjenza tal-01/06/2011 (*a fol* 87/89) qal li lilu hadd qatt ma qallu li x-xoghol ma kienx skond is-sengha.

5. **Silvana Bianco, Attrici** tigi mart Michael qalet li quddiemha il-Konvenut qal li tas-Suzuki kienu tawh LM650 u r-ragel qallu "b'dak il-prezz nehodha jien". Dan sar fid-dar tal-Konvenuti. Qalet li zewgha u binha kienu jaghmlu x-xoghol wara l-hinijiet normali u meta l-Konvenuta lmentat li x-xoghol kien ser idum, marru matul il-jum, anke s-Sibtijiet. L-Attrici tat aktar dettalji – ara *fol* 21/24.

6. **Il-Konvenuta** tat dettalji fuq l-andament tax-xoghol u dawn huma mifruxa fuq udjenzi *a fol* 34/35, 51/52, 105/109 (affidavit) u 166/168 (kontro-ezami). Fihom xehdet dwar il-prezz tax-xoghol, il-car u d-difetti fix-xoghol – b'hafna ripetizzjonijiet ukoll.

7. **Il-Konvenut Julian Baldacchino**, fl-affidavit dettaljat tieghu (*ara* fol 111) fis-sustanza itenni dak li qalet martu fl-affidavit taghha.

8. Fost il-provi mressqa hemm rapport minn zewg periti, jigifieri dak datat 6/4/2009 mill-Perit Sciberras, *fol* 46 u dak datat 4/6/2009, *fol* 39, mill-Perit Amadeo Mifsud. It-tnejn tqabbdu mill-Konvenuti.

9. **Il-Perit Sciberras** jghid, *inter alia*, lill-klijent tieghu, li staghgeb li l-kuntrattur (i.e. l-Attur) tefa l-konkrit fuq blokki u travi qabel ma gharraf lilu jew lill-perit l-iehor u "consequently, among other things, we have not been able to verify that the steel reinforcement in these structures was all placed as detailed in our drawings". Zied li qabel hu kien avza lill-kuntrattur biex isejjhilhom "although I had no need to make this request since it is the contractor's duty to notify the architect before any concrete pour". Minhabba dan in-nuqqas, verifika tehtieg "competent technicians to scan the structures".

10. Fir-rapport elaborat tieghu il-Perit **Amadeo Mifsud** jibda b'elenku twil taht ir-ras STATEMENT OF RELEVANT FACTS. Jghaddi mbaghad ghal ANALYSIS OF DIVERGENCES. Itemm b'sensiela ta' REMEDIAL WORKS li jridu jsiru taht il-harsien ta' perit.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Dak li nbeda f'bicca xoghol ta' bini "bejn tal-familja" spicca f'kontestazzjoni harxa "bejn tal-familja". Minkejja dan l-isfond familjari, jibqa l-fatt li fuq naha ghandek min jati jew iqabbad ghal bicca xoghol u minn naha l-ohra ghandek lil min jaccetta jaghmel dik il-bicca xoghol. Mill-kuntrattur hu mistenni dejjem esekuzzjoni t' xoghol skond is-sengha u l-arti u li jigu osservati l-prattici tas-sengha li tkun. Tajjeb hawn jigi notat li l-Konvenuti ma nghatawx xoghol, l-inkarigu, b'leggerezza ghax huma kellhom il-Periti sa minn qabel beda x-xoghol.

2. Jolqtok il-fatt li waqt li l-Konvenuti ressqu rapport separat minn zewg periti dwar nuqqasijiet – fil-kaz tal-Perit Mifsud ghandna rapport li ma jistax ikun aktar elaborat, minn naha tal-Attur ma nafu xejn hlief li qal li ghandu 30 sena esperjenza fl-industrija tal-bini. Ghalkemm jghid li sar kollox sewwa u kif miftiehem, b'ebda mod ma tefa validment xi dubbju dwar il-veracita ta' dak li hemm fiz-zewg Rapporti li ssemmew.

3. It-TRIBUNAL ma jistax hlief jikkonkludi li l-Atturi ma ppruvawx, u dana fil-livell mistenni "in civilibus", u gwidat ukoll minn principji ta' ekwita kif mistenni minnu li jaghmel statutorjament, li jisthoqqilhom xi hlas iktar minn dak li ga thallsu.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti u allura (2) **jichad** it-Talba Attrici u, fic-cirkostanzi (3) **jordna** u **jiddeciedi** li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------